2026/2247

13.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2247

tat-12 ta' Ottubru 2026

li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ċis-trikos-9-en għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Iċ-ċis-trikos-9-en ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19 (sustanzi li jbiegħdu (repellents) u dawk li jattiraw (attractants)). Għalhekk, skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, titqies bħala approvata skont dak ir-Regolament soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE. Dik l-approvazzjoni kellha tiskadi fit-30 ta' Settembru 2024. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1283 ipposponiet dik id-data tal-iskadenza għall-31 ta' Marzu 2027 ([3]).

(2) Fis-6 ta' April 2023, ġiet sottomessa applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni taċ-ċis-trikos-9-en għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19 ("l-applikazzjoni"). L-applikazzjoni ġiet evalwata mill-awtorità kompetenti tal-Awstrija ("l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni").

(3) Fl-20 ta' Marzu 2025, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ssottomettiet rakkomandazzjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni taċ-ċis-trikos-9-en lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija").

(4) F'konformità mal-Artikolu 75(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali ħejji l-opinjoni tal-Aġenzija rigward l-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi. Il-Kumitat adotta l-opinjoni tal-Aġenzija fis-27 ta' Novembru 2025 ([4]), wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.

(5) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija kkonkludiet li l-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19 li fihom iċ-ċis-trikos-9-en jistgħu jkunu mistennija li jibqgħu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, dment li jkun hemm konformità ma' ċerti kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tagħhom. Għalhekk, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid stabbiliti fl-Artikolu 12(1), li jinqara flimkien mal-Artikolu 4(1), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 jitqiesu li huma ssodisfati.

(6) Għalhekk, jixraq li l-approvazzjoni taċ-ċis-trikos-9-en għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19 tiġġedded, soġġetta għall-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/8/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1283 tat-13 ta' Mejju 2024 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni taċ-ċis-trikos-9-en għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1283, 15.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1283/oj).

([4]) L-Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC, Biocidal Products Committee) dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva: ċis-trikos-9-en (muskalur), Tip ta' prodott: 19, ECHA/BPC/509/2025, adottata fis-27 ta' Novembru 2025.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-approvazzjoni tas-sustanza attiva ċis-trikos-9-en għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 19 hija mġedda, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Isem komuni	Isem IUPAC Numri ta' identifikazzjoni	Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva (1)	Data tal-iskadenza tal-approvazzjoni	Tip ta' prodott	Kundizzjonijiet speċifiċi
Muskalur	ċis-trikos-9-en Nru KE: 248-505-7 Nru CAS: 27519-02-4	80,1 % piż/piż	fit-30 ta' Ġunju 2041.	19	Fil-valutazzjoni tal-prodott fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali li fihom iċ-ċis-trikos-9-en bħala sustanza attiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-esponimenti, lir-riskji u lill-effikaċja marbuta ma' kwalunkwe użu kopert b'applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda li ma jkunx indirizzat fil-valutazzjoni tas-sustanza attiva fil-livell tal-Unjoni.

(1) Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata. Is-sustanza attiva fil-prodott li jsir disponibbli fis-suq tista' tkun tal-istess purità jew ta' purità differenti jekk ikun ġie ppruvat li hija teknikament ekwivalenti għas-sustanza attiva evalwata.